MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Numru 107/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Pawla Attard**

Illum 4 ta' Gunju 2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Pawla Attard talli fil-21 ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-6.30pm fix-Xewkija, Ghawdex

1. sabiex tezercita dritt li tippretendi li ghandha, abbuzivament dahlet f'ghalqa fl-inhawi maghrufa ta' Lambert fil-limiti tax-Xewkija u ghamlet diversi ostakoli u dannu iehor fl-imsemmija art a dannu ta' Maria Vella;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi kkommettiet vjolazzjoni tal-proprjeta' a dannu ta' Maria Vella; u aktar

3. talli stiednet lil Pawlu Mizzi ghall-glied; kif ukoll

4. talli fl-istess data, lok u hin kisret il-bon ordni b'ghajjat u storbju;

L-ewwel Qorti kienet mitluba li tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta' April 2004 li permezz taghha l-imsemmija Pawla Attard giet illiberata mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni, izda giet misjuba hatja skond it-tielet imputazzjoni u skond ir-raba' imputazzjoni u kkundannata hmistax-il lira (Lm15) ammenda; inoltre dik il-Qorti obbligat lill-imputata, skond l-Artikolu 383 (1) tal-Kap 9, li ma tkellimx u ma timmolestax lil Pawlu Mizzi ghall-perjodu ta' sitt xhur taht penali ta' hamsin lira (Lm50) fin-nuqqas.

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Pawla Attard, minnha pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2004 li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum.

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti huwa bazikament fis-sens li hija la stiednet lil Mizzi ghall-glied u anqas ikkommettiet *"a breach of the peace"* kif allegat mill-prosekuzzjoni. Skond l-appellanti hija kienet ghall-affari taghha f'ghalqa li hija tghid li hi taghha (u dwar liema ghalqa hemm kwistjonijiet ma' Maria Assunta Vella), meta fid-daqqa u l-hin rat lil din Vella u lil huha Pawlu Mizzi (li kien bil-kelb) gejjin jigru fid-direzzjoni taghha. Hi tghid li nhasdet u li ghajtet mhux f'sens ta' glied izda biex tigbed l-attenzjoni ghall-ghajnuna

ghax bezghet li kienu gejjin ghaliha.  Hi tinnega li stiednet lil Mizzi ghall-glied.

L-appell, ghalhekk, jirrisolvi ruhu f'wiehed ta' apprezzament ta' provi u ta' kredibbilita' tax-xhieda.

Pero' din il-Qorti wara li, kif inghad, regghet semghet il-provi, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  Il-perjodu ta' sitt xhur tal-garanzija jibda jiddekorri mil-lum.

(ft.)  V. DeGaetano
Prim Imhallef

(ft.)  Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------